MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 326/2013

**Ronald Axisa detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 533660 M bhala mandatarju specjali ta' Douglas Axisa detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 441380M**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Ronald Axisa ghan-nom ta' Douglas Axisa** pprezentat fis-17 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*" Illi l-esponenti applika ghal-licenza ta' Gwardjan Privat u fis-27 ta' Novembru 2013 ircieva r-risposta ghal-applikazzjoni tieghu liema applikazzjoni giet michuda minhabba li kien gie misjub hati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Ottubru 2008 ai termini ta' l-Artikoli 10 (a) (i) delitt kontra l-fiducja pubblika u 10 (b) fl-interess pubbliku.*

*Illi r-rikorrenti hassu aggravat b' dina d-decizjoni u ghalhekk intavola dawn il-proceduri sabiex jitlob lil dan Onorabbli Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma tinharigx il-licenza ta' Gwardjan Privat tieghu u jordna l-hrug tal-licenza msemmija.*

*Illi bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Douglas Axisa" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Ottubru 2008 bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali il-Qorti ghalkemm sabet lill-esponent hati tal-akkuza, il-Qorti nnifisha wriet fiducja fih u fil-karattru tieghu tant illi wehel biss multa ta Euro 1,164 peress li kien l-ewwel u sal-gurnata tal-lum l-unika reat li nstab hati ghalih.*

*Illi kif se jirrizulta mix-xhieda li ser titressaq, l-esponenti huwa bniedem ta' karattru tajjeb li dejjem imur tajjeb man-nies u bniedem responsabbli f'xoghlu.*

*Illi diga ghaddew aktar minn hames snin mill-gurnata li nstab hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u r-reat kien sar fi zmien sew precedenti meta nghatat is-sentenza. L-esponenti kien iddispjacih ta' l-ghemil tieghu u baqa' sal-gurnata tal-lum 'il-boghod mit-tarag tal-Qorti.*

*Illi certament kieku l-esponenti huwa bniedem ta' karattru hazin jew xi kriminali zgur mhux forsi illi fi zmien hames snin kien jittressaq akkuzat b'xi reat iehor izda huwa kien obda l-Ordni tal-Qorti illi ma jikkommettix reat iehor ghaliex it-taghlima hadha.*

*Illi ma huwiex gust illi persuna li tkun ikkommetit reat tibqa' ppregudikata ghal ghomorha.*

*Illi huwa minnu li r-rikorrent zbalja izda hu ma jhossx li jikkostitwixxi xi perikolu ghall-interess pubbliku fil-funzjoni tieghu bhala gwardjan privat anzi mill-provi li sejrin jingiebu ha jintwera b' mod car kemm ir-rikkorent huwa bniedem affidabli u ta' karattru rett.*

*Illi kif inghad ben tajjeb fil-kaz Jonathan Cassar Vs Kummissarju tal-Pulizija*[1] *fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ghal talba ghall-hrug jew tigdid ta' Licenza ta' Gwardjan Privat, il-Kummissarju tal -Pulizija ghandu jezercita d-diskrezzjoni tieghu u fid-Dritt Amministrattiv huwa principju assodat li 'a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably'*[2].

*Fis-sentenza Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li: it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the redhaired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[3]

*Illi fil-ktieb Administrative Law jinghad illi 'this has become the most frequently cited passage (though most commonly cited only by its nickname) in administrative law. It explains how 'unresonableness' in its classic rule of reason formulation, covers a multitude of sins. These various errors commonly result from paying too much attention to the mere words of the Act and too little to its general scheme and purpose, and from the fallacy that*

*unrestricted language naturally confers unfettered discretion. The rule of reason has thus become a generalised rubric covering not only sheer absurdity or caprice, but merging into illegitimate motives and purposes, a wide category of errors commonly described as 'irrelevant considerations', and mistakes and misunderstandings which can be classed as selfmisdirection, or addressing oneself to the wrong question'*[4].

*Illi r-rikorrenti jemmen li l-Kummissarju ma ezercitax id-diskrezzjoni tieghu b'mod ragjonevoli ghaliex altrimenti cert li ma kienx jasal ghall-konkluzzjoni ghal kollox zbaljata li ma huwiex fl-interess*

1 Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-30 ta' Ottubru, 2012, 268/2011
2 Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
3 Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.
4 Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303 u 304.

*pubbliku li tinhareg l-Licenzja ta' Gwardjan Privat f' isem r-Rikorrent.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi ir-rikorrenti qed jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jirrivedi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma tinharigx il-licenza ta' Gwardjan Privat tieghu u jiddikjara li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma kellu jirrifjuta li johrog dik il-licenza ai termini ta' l-Artikolu 10(a) (i) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement jirrevoka ddecizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u jordna lill-istess Kummissarju sabiex jkun ekwu, gust u xieraq fil-konfront tieghu u johroglu l-licenza ta' Gwardjan Privat skond il-Ligi sabiex huwa jkun jista jezercita din il-professjoni.*

*Bl-ispejjez tal-procedura kontra l-intimati."*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 22 ta' Jannar 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *ILLI fl-ewwel lok u <u>in linea preliminari</u>, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Generali ai termini tas-**subartikolu 3 ta`** l-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta**, u għalhekk, għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat fit-3 ta' Jannar 2014, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

2. *ILLI <u>in linea prelimari</u>, l-esponent jeċepixxi **<u>n-nullita' tar-rikors</u>** stante li qed isir minn persuna assenti minn Malta;*

3. *ILLI <u>fil-mertu</u>, u <u>mingħajr preġudizzju</u> għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Douglas Axisa ai termini tal-**artikolu 10 (a) (i)** u ċioe' minħabba delitt kontra l-fiduċja pubblika u kif ukoll stante illi mhux fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja ai termini tal-**Artikolu 10 (b) tal-Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali [Kap 389 tal-liġijiet ta' Malta]**. Jingħad illi l-esponent ser iġib provi fil-mori tas-smigħ ta` dan ir-rikors, li ser juru eżattament għaliex inħass illi mhux fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenzja lir-rikorrent;*

5. *ILLI fl-ewwel lok **<u>mingħajr preġudizzju</u>** għal provi li ser jinġiebu fil-mori tar-rikors u l-eventwali trattazzjoni, jingħad illi **Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389** ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda **<u>jimponi obbligu fuq il-Kummissarju</u>** li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta`*

*liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli* ***10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389****. Dan b'differenza li kieku r-rifjut ingħata fuq il-bazi ta` l-interess pubbliku waħdu (ai termini tas-subartikolu 10(b) tal-Kapitolu 389), fejn igawdi diskrezzjoni l-Kummissarju tal-Pulizija. Bl-akbar rispett, dan huwa l-punt kruċjali li jrid jiġi meqjus minn dan l-Onorabbli Tribunal tul dawn il-proċeduri u anke meta dan eventwalment jasal għall-konsiderazzjonijiet tiegħu. Dan qed jintqal in vista għal ċertu argumenti li qajjem ir-rikorrent;*

6. *ILLI rigward dak li ntqal mir-rikorrent meta qal illi mhuwiex ġust illi persuna li tkun ikkommettiet reat tibqa' ppreġudikata għal għomorha u li dan il-fatt huwa bażi biex persuna ma tkunx tista' ssib xogħol jew tipprekludiha minn opportunita' ta' xogħol, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol;*

7. *ILLI fir-rigward illi ma jikkonstitwix periklu għall-interess pubbliku fil-funzjoni tiegħu bħala gwardjan privat, dan* ***żgur*** *mhux minnu tant illi r-reati li minħabba fihom ġie rrifjutat il-liċenzja skont sentenza imsemmija anke fir-rikors promotur ta' 'Il-Pulizija vs Douglas Axisa' tal-21 ta' Ottubru 2008, huma reati li propju jmorru kontra l-fiduċja pubblika u jaqgħu eżattament taħt* ***Titolu V tat-tieni taqsima tal-ewwel ktieb tal-Kodiċi Kriminali li tissejjaħ "Delitti li jmorru kontra l-fiduċja pubblika";***

8. *ILLI fil-fatt permezz tas-sentenza imsemmija hawn fuq apparti li kien ġie ordnat iħallas multa ta' €1164.69 (LM500), il-Qorti kienet ukoll ordnat illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu liċenzja tal-baħar għal żmien sena. Illi la f'dan il-każ il-Qorti dehrilha li kellu jkun skwalifikat minn liċenzja tal-baħar minħabba l-għemil tiegħu, kemm iktar kellu jirrifjuta li joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat l-Kummissarju tal-Pulizija fejn liċenzja ta' gwardjan privat tirrikjedi aktar fiduċja u risponsabbilita';*

9. *ILLI għalhekk l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ħass illi persuna li kellha dak it-tip ta` offizi fil-fedina penali tagħha, ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu. Minħabba dan, gwardjan privat irid ikun persuna affidabbli u ta' karattru sod. Persuna akkużata b'reati li jmorru kontra l-fiduċja pubblika żgur ma tistax titqies tali;*

10. *ILLI s-****subartikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389*** *jipprovdi illi fis-sitwazzjonijiet elenkati taħtu, il-Kummissarju tal-Pulizija* ***għandu*** *jirrifjuta l-applikazzjoni. Il-Kummissarju għalhekk* ***ma għandu l-ebda poter diskrezzjonali iżda huwa marbut mil-ligi biex jaġixxi b'tali mod****. Għalhekk, kull argument tar-rikorrent illi l-esponent huwa bniedem ta' karattru tajjeb li dejjem imur tajjeb man-nies u bniedem responsabbli f'xogħlu, ma jsibx applikazzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Il-liġi f'dan ir-rigward hija ċarissima u ċertament ma tagħti l-ebda lok għall-ebda interpretazzjoni fantażjuża li qed jipproponi r-rikorrent. Il-Kummissarju tal-Pulizija, affaċċjat b'ċerti fatti quddiemu, ma jistax idur ma` l-artikoli tal-ligi u jittenta li jagħti ġustifikazzjoni jekk ma jadoperax ruħu mal-kontenut tal-Kapitolu 389;*

11. *ILLI fid-dawl ta' dak suespost, dak imsemmi fir-rikors promotur b'referenza għas-sentenza ta' Jonathan Cassar vs Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tad-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma japplikax għal każ odjern. Dan stante illi fl-ewwel lok l-**akkużi, ċ-ċirkostanzi, l-piena u r-raġuni ta' rifjut kienu ferm differenti minn ta' Axisa.** Jonathan Cassar kien liberat bil-kundizzjoni li ma jerġax u għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija seta' jirrifjuta li tingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat a bażi ta' **Artikolu 10 (b)** minħabba li ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja fejn kif intqal aktar 'il fuq il-Kummissarju tal-Pulizija igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa u sta għall-Kummissarju jara jekk kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja. Fil-każ ta' Axisa, huwa nstab ħati ta' reati li jmorru kontra l-fiduċja pubblika u allura apparti **Artiklu 10 (b)**, il-Kummissarju tal-Pulizija ma setax joħroġ il-liċenzja anke minħabba **l-obbligu li għandu ai termini tal-Artikolu 10 (a) (i),** kif ġa ġie spjegat aktar 'il fuq fejn il-Kummissarju ma jgawdix diskrezzjoni fuq jekk tingħatax il-liċenzja jew le. Di piu' fit-tieni lok, fil-każ ta' Axisa, huwa **nstab ħati** ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika u għalhekk il-liċenzja ma nħarġitx anke ai termini tal-**Artikoli 10 (a) (i)** waqt li l-akkużi ta' Cassar kienu differenti u ġie liberat minnhom bil-kundizzjoni li ma jerġax;*

12. *ILLI ċertament f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta` reati ta` ċerta gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta` gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta` dan ix-xogħol;*

13. *ILLI fid-dawl ta' dak suespost, dak li ntqal fil-kuntest ta' Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation u anke dak kwotat fir-rigward tad-diskrezzjoni anqas biss japplika fil-każ odjern għaliex kif diġa intqal il-Kummissarju tal-Pulizija ma kellux diskrezzjoni iżda kien marbut bil-liġi biex jirrifjuta l-liċenzja. Tali deċiżjoni hija bbażata fuq parti tal-ligi illi tikkonstrinġi lill-Kummissarju jiċħad il-ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tirriżulta l-eżistenza ta` ċerti fatti u ċirkostanzi kif fil-fatt irriżultaw fil-każ odjern;*

14. *ILLI għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku illi tinħareġ il-liċenzja ta' gwardjan privat;*

***Għ**aldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent,[5] ta' Ronald Axisa,[6] u ta' Joseph Urpani;[7]

---

[5] A fol. 42 u 43
[6] A fol. 49 u 50
[7] A fol. 50

Sema’ x-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi,[8]

Ra illi fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2014 il-Kummissarju intimat irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet;

Ra in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b’decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta’ ittra datata 21 ta’ Novembru 2013 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*“B’riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta’ Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini tal-Artikoli 10(a)(i) delitt kontra l-fiducja pubblika u 10(b) fl-interess pubbliku, minhabba li kont gejt misjub hati permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta’ Ottubru 2008.”*

**Ir-rikorrent** spjega illi prezentement huwa jahdem fid-dipartiment tal-*Customer Care* mas-socjeta` Kerber Security. Jistqarr li precedentement huwa kien jahdem ta’ *security* pero` l-licenzja ghall-istess xoghol kienet giet mehuda lura mill-Kummissarju tal-Pulizija wara li kien tressaq il-Qorti u ghadda proceduri kriminali li gew decizi fl-2008. Jghid li dawn kienu l-uniku proceduri kriminali li qatt kellu kontrih. Jghid li s-sentenza li nghatat fil-konfront tieghu m’ghandha x’taqsam xejn mal-professjoni ta’ gwardjan privat. Jghid li huwa

[8] A fol. 53 sa 54, 68 sa 72 u 85 sa 90

ghandu bzonn din il-licenzja, fost ohrajn, minhabba l-pizijiet finanzjarji li ghandu.

**Ronald Axisa,** missier ir-rikorrent, xehed li r-rikorrent jahdem mal-Kumpanija tieghu Kerber Security Limited. Jghid li r-rikorrent, fix-xoghol tieghu, dejjem imur tajjeb man-nies u bniedem responsabbli f'xogholu. Jghid li huwa jghin lir-rikorrent finanzjarjament ghaliex bil-paga li ghandu ma jistghax ilahhaq mal-obbligi finanzjarji li ghandu.

**Joseph Urpani**, *manager* mas-socjeta` Kerber Security Limited, stqarr li huwa kollega tar-rikorrent. Jghid li dejjem hadem tajjeb mar-rikorrent u li qatt ma kellu problemi mieghu. Huwa jistqarr li r-rikorrent huwa ta' karattru tajjeb u li dejjem imur tajjeb man-nies u hu bniedem responsabbli f'xogholu.

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi** xehdet illi r-rikorrent kien instab hati permezz ta' sentenza datata 21 ta' Ottubru 2008 dwar reati kontra l-fiducja pubblika u gie ikkundannat ghall-hlas ta' multa ta' €1164.69 u skwalifika mil-licenzja marittima. Tghid li in vista li r-reati in kwistjoni jmorru kontra l-fiducja pubblika, il-Kummissarju kellu bilfors jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent. L-applikazzjoni giet ukoll rifjutata fl-interess pubbliku minhabba x-xorta tar-reati mwettqa mir-rikorrenti. Tispjega illi precedentement ghall-applikazzjoni in kwistjoni, ir-rikorrent diga kellu licenzja ta' gwardjan privat pero din ma kinitx giet imgedda wara li nghatat is-sentenza kriminali fil-konfront tieghu fl-2008.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi kemm tal-artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Lokali u Privati). Artikolu 10 (a) (i) u (b) jghidu is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***għandu**[9]* *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza* ***jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika**[10]* *jew ta' xi delitt gravi ieħor;*

........

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza."*

Illi minn harsa lejn id-delitti mwettqa mir-rikorrenti[11] jirrizulta illi t-tieni, t-tielet u r-raba' akkuza jikkoncernaw ksur tal-artikoli 184, 186 u 188 tal-Kodici Kriminali liema artikoli jinsabu taht it-Titolu V tal-istess Kodici intitolat "Fuq id-Delitti Kontra l-Fiducja Pubblika".

Issa kif gie enfasizzat iktar 'il fuq, artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 ma jhalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija meta jigi biex jiddeciedi jekk applikazzjoni ghal licenzja gdida ta' gwardjan privat jew tigdid tal-istess licenzja tintlaqghax jew le. Skond l-artikolu citat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu d-dmir** li jirrifjuta tali applikazzjoni.[12] Lanqas ma hemm xi perjodu ta' rijabilitazzjoni fejn jidhlu delitti kontra l-fiducja pubblika bhal ma wiehed isib fil-kaz ta' delitti kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta.[13]

---

[9] Enfasi tat-Tribunal
[10] Enfasi tat-Tribunal
[11] Ara sentenza **Il-Pulizija vs Douglas Axisa** (Qorti tal-Magistrati Malta (Gudikatura Kriminali) datata 21 ta' Ottubru 2008 esebita a fol. 60 tal-process.
[12] L-uniku diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju intimat hu meta si tratta ta' "reat gravi iehor" li ma jaqghax fost dawk elenkati fl-istess artikolu 10 (a) (i).
[13] Ara Artikolu 10 (a) (v) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi ghalhekk, ghalkemm dan it-Tribunal japprezza li persuna tista' tkun irriabilitat ruhha u zammet 'il boghod minn dawn il-Qrati, huwa ghal kollox inutili li wiehed jishaq li l-Kummissarju seta' jezercita d-diskrezzjoni tieghu mod iehor, ghax fil-verita` tali diskrezzjoni, fejn si tratta ta' rifjuta abbazi ta' reati kontra l-fiducja pubblika, ma tezistix.

Illi sakemm il-ligi tibqa' kif inhi, dan it-Tribunal ma jistghax imur kontra l-vot tal-istess ligi anke jekk jifhem u japprezza l-argumenti mressqa mir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Dan it-Tribunal japprezza li jekk ir-rikorrenti ikollu impjieg ta' gwardjan privat dan jagevolah finanzjarjament tenut kont tal-obbligi finanzjarji li ghandu. Pero`, kif gia inghad, dan it-Tribunal ma jista' jiehu xejn minn dan kollu in konsiderazzjoni biex jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju intimat fejn jidhol ir-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (a) (i).

Illi sorvolata l-kwistjoni dwar l-ewwel parti tar-rifjut, it-Tribunal se jezamina issa r-rifjut tal-Kummissarju intimat abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389. Illi r-rikorrent jishaq illi l-Kummissarju intimat ma kienx korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tieghu abbazi li ma kienx fl-interess pubbliku li tinhariglu tali licenzja. L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi stqarret illi meta wiehed jigi biex iqis tinharigx licenzja jew le, huma jharsu lejn il-fedina penali tal-applikant u jaraw jekk mir-reati mwettqa ikunx fl-interess pubbliku li wiehed jinghata l-licenzja biex jahdem ta' gwardjan privat, liema xoghol fih diversi aspetti fosthom kuntatt dirett man-nies u ta' sigurta` waqt garr ta' ammonti ta' flus.

Illi issa, fil-kaz odjern, jirrizulta illi r-reati mwettqa mir-rikorrent gew hekk imwettqa fl-2006 u ghalhekk sa meta inhareg ir-rifjut kienu ghaddew cirka seba' (7) snin. Illi jirrizulta wkoll illi l-persuni li xehedu dwar il-karattru tar-rikorrent huma missieru u terz li jahdem mal-Kumpanija ta' missieru. Illi ghalkemm dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita minn dak mistqarr minnhom, madankollu irid jevalwa x-xhieda taghhom fid-dawl tal-istess rabtiet li ghandhom mar-rikorrenti. Illi min-naha l-ohra, l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi xehdet illi skond il-Kummissarju intimat, ir-rikorrenti, ma kienx ta'

karattru affidabbli minhabba x-xorta ta' reati li wettaq u kwindi ma kienx fl-interess pubbliku li tinhariglu l-licenzja in kwistjoni.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent jiccita s-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-13 ta' Novembru 2014. It-Tribunal jirrileva illi l-portata tar-reati addebitati lil Cernigliaro kienet ferm inqas mill-portata tar-reati addebitati lir-rikorrenti, u ghalhekk ma jistghax jingibed xi xorta ta' paragun. Madankollu jista' jingibed paragun mal-*fattispecie* tas-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presjedut, fl-ismijiet **Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-26 ta' April 2012.[14] Fl-ahhar kaz ikkwotat, ir-rikorrent kien ikkommetta reati simili ghal dawk kommessi mir-rikorrenti u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.[15] Illi fl-istess kaz, bhall-kaz odjern, il-Kummissarju intimat kien strah biss fuq is-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent biex hareg ir-rifjut abbazi li ma kienx fl-interess pubbliku li tiggedded licenzja ta' gwardjan privat. Illi fl-imsemmija sentenza t-Tribunal irrileva s-segwenti:-

*"Jirrizulta b'mod car mix-xhieda ta' l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi li l-Kummissarju tal-Pulizija wasal ghall-konkluzjoni tieghu esklussivament fuq dak li rrizultalu mid-dokumentazzjoni li kellu fil-pussess tieghu minghajr però ma tkellem direttament mar-Rikorrent u seta' b'hekk jippercepixxi kemm effettivament l-istess Rikorrent jikkostitwixxi perikolu ghall-interess pubbliku fil-funzjoni tieghu ta' gwardjan privat. Fil-fehma tat-Tribunal talba ta' persuna ghal tigdid ta' licenza li tigi michuda fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku tirrikjedi ezercizzju iktar approfondit minn semplici ezami ta' dokumentazzjoni disponibbli, partikolarment meta dik ic-cahda tista' teffettwa l-posizzjoni lavorattiva – u b'hekk l-ghajxien – ta' l-applikant.*

*Fattur iehor li fil-fehma tat-Tribunal serjament jimmilita kontra d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jichad it-talba tar-Rikorrent in bazi ghall-interess pubbliku huwa li l-istess Kummissarju ma ssospendiex jew iritra l-licenza li già kellu r-Rikorrent hekk kif is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu 2011 ghaddiet in gudikat, kif kellu kull dritt jaghmel ai termini ta' l-Artikolu 13 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ha azzjoni f'dak is-sens biss meta r-Rikorrent talab li l-licenza tieghu ta' Gwardjan Privat tigi mgedda ghal sena ohra. It-Tribunal ma ghandux dubju illi kieku verament ir-Rikorrent jikkostitwixxi perikolu ghall-interess pubbliku fil-funzjoni tieghu ta' gwardjan privat il-Kummissarju tal-Pulizija kien jagixxi hekk kif is-*

[14] Konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Mejju 2014
[15] Liema kundanna ta' liberta kundizzjonata ma titqiesx bhala kundanna ai fini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389

*sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 ghaddiet in gudikat u mhux jhalli l-kwistjoni ghaddejja sa meta r-Rikorrent applika biex il-licenza tieghu tigi mgedda."*

Illi issa, il-kaz odjern *si tratta* ta' applikazzjoni ghal licenzja gdida u mhux wahda ta' tigdid stante li l-applikazzjoni ghal tigdid tar-rikorrent kienet giet rifjutata fl-2009 wara li kienet inghatat is-sentenza kriminali fil-konfront tieghu. Illi, kif isostni tajjeb ir-rikorrent, l-istess Kummissarju baqa' inattiv wara li nghatat is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 u ma rtirax l-istess licenzja kif kellu kull dritt jaghmel ai termini tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Kien biss meta r-rikorrent applika ghat-tigdid tal-istess licenzja li l-Kummissarju intimat irrifjuta tali tigdid, minn liema rifjut kien sar appell pero` gie dikjarat *fuori termine*. Ghalkemm dak ir-rifjut li nhareg fl-2009 illum huwa kaz maghluq, jixhet dawl fuq kemm verament il-Kummissarju intimat ra lir-rikorrent bhala li jikkostitwixxi theddida ghall-interess pubbliku. Illi t-Tribunal iqis l-argument imressaq mill-Kummissarju intimat fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu, u cioe li l-Kummissarju ma rtirax il-licenzja tar-rikorrent mill-ewwel ghax ha konjizzjoni tas-sentenza fil-konfront tieghu biss meta r-rikorrent mar biex igedded l-istess licenzja, bhala wiehed li ma jsegwix.

Illi ghalhekk, it-Tribunal jaqbel perfettament mal-posizzjoni adottata fis-sentenza **Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija,** u dan anke jekk fil-kaz odjern din kienet applikazzjoni gdida u mhux tigdid ta' licenzja. Dan qieghed jinghad specjalment fejn ikunu ghaddew numru mhux hazin ta' snin minn meta kienu gew imwettqa r-reati u l-persuna koncernata ma jergghax ikollha problemi mal-gustizzja. Persuna li tkun zbaljat ma tistghax tibqa' tigi ikkunsidrata bhala persuna ta' karattru mhux affidabbli *in eternum* meta c-cirkostanzi juru li dan qatt ma rega' xellef difru mal-gustizzja. Dan qieghed jinghad anke *in linea* mal-kuncett ta' rijabilitazzjoni li qieghed jigi tant promoss fiz-zminijiet tal-lum. Naturalment dan kollu qieghed jinghad b'rispett lejn artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 fejn hemmhekk wiehed, anke jekk ikun qabad u kompla fit-triq it-tajba, huwa prekluz milli jottjeni licenzja ta' gwardjan privat hlief il-kaz ta' artikolu 10 (a) (v).[16]

[16]Meta persuna tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà

Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat ma kienx gustifikat meta cahad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat abbazi tal-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat stante li dawn gew irtirati, qieghed jilqa’ in parte l-appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni ta’ l-istess Kummissarju datata 27 ta’ Novembru 2013 fis-sens illi jirrevokaha in kwantu l-applikazzjoni ghal-licenzja ta’ gwardjan privat giet rifjutata abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li jikkonfermaha in kwantu l-istess applikazzjoni giet rifjutata abbazi tal-aritkolu 10 (a) (i) tal-istess Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

l-applikazzjoni tista ssir wara ħames snin minn meta jkun sar id-delitt.